MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
ANTONIO MIZZI**

Seduta tad-19 ta' April, 2013

Numru. 1407/2007

Il-Pulizija
(Sp Anna Marie Micallef)
vs
Stephen Galea, iben John, imwieled Pieta' fid-9 ta' Mejju, 1979, karta ta' l-identita' numru 241079(M)

Il-Qorti,
Rat l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat:
1. talli f'tas-Sliema fis-26 ta' Ottubru, 2007, għal ħabta tal-11.00 p.m. mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'perikolu ċar, ikkaġuna ġrieħi ta' natura gravi, fuq il-persuna ta' Lyton Galea mill-Mosta, liema offiżi jistgħu jikkaġuna debulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-għamla tal-ġisem, jew marda permanenti tal-moħħ, kif ukoll jekk iġġib sfreġju ġravi u permanenti fil-wiċċ, fl-għonq jew f'waħda mill-idejn;

2. talli fl-istess żmien u ċirkostanzi ikkaġuna ferita ta' natura ħafifa fuq il-persuni ta' l-istess Lyton Debattista, fuq il-persuna ta' Matthew Debattista u fuq il-persuna ta' Ryan Debattista 'ilkoll mill-Mosta;
3. talli fl-istess żmien u ċirkostanzi volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u ciioe' fil-ħanut Stepdown Bar, liema ħsara tammonta għal anqas minn Lm500 iżda aktar minn Lm50 għad-dannu ta' Isabelle Holden, mis-Swieqi u Michael Beinteer minn San Ġiljan;
4. talli fl-istess żmien u ċirkostanzi bil-lejl kiser il-mistrieħ u il-paċi pubblika bl-għajjat u bil-ġlied;
5. talli fl-istess żmien u ċirkostanzi qal kliem faħxi li jikkonsisti f'dagħa fil-pubbliku;
6. talli sar reċidiv skont l-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali b'diversi sentenzi mogħtija lilu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fil-25 ta' Jannar, 2007 u fil-11 ta' Ottubru, 2007;
7. talli kiser il-provvedimenti tal-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali, billi kkometta reat li għalih hemm il-piena tal-priġunerija, waqt perjodu ta' sentenza sospiża, għal erba' snin mogħtija lilu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fis-16 ta' Frar, 2004.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tat-12 ta' Settembru, 2008 fejn iddikjara li wara li ra l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat u billi jidhirlu li tista' tinsab ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub:
a. fl-artikoli 216, 218, u 221 tal-Kodiċi Kriminali;
b. fl-artikolu 325 tal-Kodiċi Kriminali;
c. fl-artikoli 338(bb)(dd) u 342 tal-Kodiċi Kriminali; u
d. fl-artikoli 49, 50 , 28A u 533 tal-Kodiċi Kriminali;
bagħat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeċidi fuq l-akkuża ta' din il-ħtija jew ħtijiet barra kull ċirkostanza oħra.

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta' Diċembru, 2009 fejn l-imputat ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi nkluża x-xhieda ta' l-imputat bil-ġurament.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta’ l-imputat.

Ikkunsidrat,

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li fis-26 ta’ Ottubru, 2007 għal ħabta tal-11.00 p.m. l-imputat flimkien ma martu kienu qed jaraw programm fuq it-television.
Huma semgħu storbju barra fit-triq u meta ttawwlu raw li tlett ġuvintur li kienu qed jattakkaw żewġ ġuvintur li kienu qegħdin bil-qegħda f’vettura.

Illi kif ra hekk, l-imputat, li kien jaf lil wieħed minn dawn iż-żewġ ġuvintur li kienu fil-karozza ħareġ mid-dar u mar jipprova jferraq dawn in-nies. Hekk kif mar, Ranier Scerri ġie maħruġ mill-vettura u dawn it-tlett ġuvintur li kienu l-aħwa Debattista baqgħu jagħtu lil Peter Borg, li kienet il-persuna l-oħra fil-vettura. L-imputat mar fuqhom u qallhom biex jieqfu. Kif qallhom hekk, Peter Borg irnexxielu joħroġ mill-vettura u ħarab. Għalhekk, l-aħwa Debattista attakkaw lill-imputat.

Illi konsegwenza ta’ dan l-attakk bl-idejn, kif ukoll intużat injama, l-imputat spiċċa l-isptar ibagħti minn feriti gravi fuq wiċċu. Spiċċa bi 62 punt f’rasu u tilef ukoll sinna fost feriti oħra.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta ċar li l-imputat spiċċa l-vittma ta’ aggressjoni mill-aħwa Debattista.

Illi ma hemm ebda dubju li l-imputat iddefenda ruħu minn din l-aggressjoni nġusta li setgħet kellha konkluzjoni ferm iżjed drammatika kieku ma kienx hemm minn ħa banketta minn idejn wieħed mill-aggressuri.

Illi kwalunkwe kumment ieħor hu żejjed, anzi fil-fehma ta’ din il-Qorti l-imputat qatt ma kellu jittressaq l-Qorti.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tillilberah mill-istess akkużi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------